# **SĦAĦ FIL-FIDI**

L-Innu għall-JDZ Madrid '11

Maqluba għall-Malti minn: Gabriella Farrugia

Addattata minn: Fr George O. Buttigieg

*Ded. lil: Nicky*

Rit.

Sħaħ fil-Fidi

Sħaħ fil-Fidi

Nimxu dejjem miegħek Kristu

Ħabibna

Tagħna s-Sinjur.

Glorja lilek biss

Glorja lilek biss

Nimxu dejjem miegħek Kristu

Sħaħ fil-Fidi (x2)

Imħabbtek tibnina u tgħajjixna.
Salibek iwennisna u jsaħħaħna.
Ma' Ġismek int tħaddanna u tifdina.
Int b'Demmek iġeddidna u tnaddafna.

Bridge:
O Kristu, Ħuna l-Kbir,

O Kristu, Ħabibna,

Tagħna s-Sinjur

Agħtina l-fidi fik, Agħtina l-fidi fik.

Rit.:

Idejk qaddisa jfejqu l-pjagi tagħna,
Għajnejk bil-Ħniena mimlija jħarsuna,
Xofftejk l-maħfra jikkomunikawlna,
Riġlejk fil-passi tiegħek jigwidawna.

Bridge:
Rit.:

In-Nifs tiegħek hu l-Fidwa tal-Għoli.
Tbissimtek hi sinjal ta' grazzja kbira.
Il-Qalb tiegħek sinjal ta’ mħabbtek kbira.
Il-Pjagi tiegħek l-aqwa prezz għal ruħi.

Bridge:
Rit.:

Ikona Wiċċek il-Qaddis għalina,
L-Għerf tiegħek huwa d-dawl li jirxuxtana.
Il-Mewt tiegħek tatna ħajjitna,
L-Għixien tas-salvazzjoni għal ruħna.

Bridge:
Rit.:

Il-Glorja tiegħek għall-bnedmin, futur,
Li jimxu fix-xewqat tal-grazzja tiegħek.
Il-Knisja tiegħek dar miftuħa għalina
Mibnija fuq l-ogħla blata tiegħek.

Bridge:
Rit.:

Iż-żgħażagħ tiegħek jimxu ma’ Marija,
Li tkanta bħal għarusa tant Grazzjuża.
Aħna nkantaw ir-rebħa tiegħek Magħha,
Il-mewt li issa ġiet mirbuħa.

Bridge:
Rit.:

kdż
kummissjoni djoċesana żgħażagħ
APS bank
WYD 2011
MADRID